# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Novembru 2018**

**Kawza Numru : 12**
**Rikors Guramentat Numru : 710/2018 LSO**

**Mary Xiberras detentrici tal-Karta tal-Identita' numru 0153141M**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mary Sciberras, detentrici tal-Karta tal-Identita' numru 0153141M datat 6 ta’ Lulju 2018 fejn bil-gurament taghha kkonfermat:-

Illi fix-xahar ta' Mejju tas-sena 2018, Mary Sciberras applikat ghall-passaport gdid fi hdan l-Ufficcju tal-Passaporti, *stante* illi dak li hija kellha kien skada;

Illi dakinhar, Mary Sciberras ma setghetx iggedded il-passaport taghha hekk kif l-Ufficcju tal-Passaporti sab illi kunjom ir-rikorrenti ma kienx l-istess bhal dak li jirrizulta mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, *stante* illi fl-Att tat-Twelid taghha, il-kunjom imnizzel wara isem missierha u wara isem ommha huwa 'Xiberras' u mhux Sciberras. L-Att tat-Twelid ta' Mary Sciberras huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 1;

Illi r-rikorrenti, Mary Sciberras, li ghandha sebgha u sebghin sena, dejjem uzat il-kunjom Sciberras u mhux Xiberras matul hajjitha u qatt ma kienet taf illi fl-Att tat-Twelid taghha hemm tali zball u diskrepanza, hekk kif meta wiehed jara kull dokument, certifikat jew formuli li jappartjenu lir-rikorrenti, kollha jirreferu ghal kunjom Sciberras u mhux Xiberras u sahansitra kull Dipartiment u Awtorita' Governattiva gharfet u ghadha sal-lum taghraf lir-rikorrenti bil-kunjom Sciberras;

Illi kif jirrizulta mic-certifikat tal-Fidi tal-Maghmudija ffirmat mill-Arcipriet u Qassis tal-Parrocca tal-Mosta, Paul Bezzina, fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena 1976, kunjom

missier ir-rikorrenti, Mary Sciberras huwa Sciberras u mhux 'Xiberras'. Dan ic-certifikat huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 2;

Illi r-rikorrenti Mary Sciberras, qatt ma giet rinfaccata b'problemi kull meta hija applikat ghat-tigdid jew ghall-hrug ta' xi dokument minn Agenziji u Dipartimenti Governattivi f'Malta u kien propju fix-xahar ta' Mejju tas-sena 2018 li hija sabet li tezisti din id-diskrepanza fil-kunjom taghha u li llum il-gurnata, din l-istess diskrepanza qieghda timpedixxi lir-rikorrenti milli tottjeni passaport imgedded permezz ta' liema hija tkun tista' tivvjagga 'l barra minn xtutna;

Illi Mary Sciberras, taf ben tajjeb illi l-genituri u l-antenati taghha dejjem kienu jiktbu l-kunjom Sciberras bl-ittra 'S' u mhux bl-ittra 'X', hekk kif difatti jixhed l-Att ta' Twelid ta' missierha Vincent Sciberras li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 5607/1907, li huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 3. L-Att taz-zwieg tal-istess Vincent Sciberras u martu Esther Sciberras nee' Vella u cioe' l-genituri tar-rikorrenti, Mary Sciberras, li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 1121/1932 li huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 4, juri li qatt ma kien uzat il-kunjom 'Xiberras' izda minn dejjem inkiteb bl-ittra 'S' dan il-kunjom tal-genituri tar-rikorrenti. Oltre' minn hekk, l-Att tal-Mewt ta' missier ir-rikorrenti, Mary Sciberras li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 2200/1957 u li huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 5, juri bic-car illi l-kunjom tieghu huwa Sciberras u mhux 'Xiberras';

Illi missier ir-rikorrenti, Vincent Sciberras u Esther Sciberras kellhom hamest itfal frott taz-zwieg taghhom u huwa evidentement u manifestament car mill-Atti tat-Twelid tal-hamest itfal illi l-problema tirrigwardja l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, Mary Sciberras, hekk kif l-Atti tat-Twelid ta' hutha kollha juru l-kunjom insinwat Sciberras u mhux 'Xiberras' bhal ma gie nsinwat fl-Att ta-Twelid ta' Mary Sciberras. L-Att tat-Twelid ta' Francesco Sciberras li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 8052/1934 jinsab immarkat u anness bhala Dok. MS 6. L-Att tat-Twelid ta' Paolina Sciberras igib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 5941/1936 u huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 7. L-Att tat-Twelid ta' Giovanni Maria Sciberras igib in-numru progressiv 5327/1938 u huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 8. L-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, Mary Sciberras igib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 1531/1941 u huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 1. L-Att tat-Twelid ta' Joseph Sciberras li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 2739/1943 huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 9;

Illi in linea mal-Atti tat-Twelid ta' Francesco Sciberras, Paolina Sciberras, Giovanni Maria Sciberras u Joseph Sciberras, il-kunjom irregistrat ta' dawn l-erba’ ahwa tar-rikorrenti huwa Sciberras, hekk kif huwa Sciberras, il-kunjom irregistrat ta' missierhom, Vincent Sciberras fl-Att tat-Twelid tieghu anness u mmarkat bhala Dok. MS. 1;

Illi hekk kif inhu muri fic-certifikat tal-ezamijiet tar-rikorrenti bir-rizultati tas-sajf tas-sena 1958, il-kunjom tar-rikorrenti

huwa Sciberras. Dan ic-certifikat jinsab anness u mmarkat bhala Dok. MS 10. Ic-certifikat tal-i*school leaving* ta' Settembru tas-sena 1958 li nhareg mill-*Religious Instruction Board* fi hdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni f' Malta jindika kunjom ir-rikorrenti bhala Sciberras. L-i*school leaving certificate* huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 11. *Per di piu'*, ic-certifikat tal-ezamijiet tas-Sajf tas-sena 1958 mohrug mill-Universita' ta' Oxford fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ukoll juri kunjom ir-rikorrenti bhala Sciberras u huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 12;

Illi f'Gunju tas-sena 1959, inhareg rapport f'isem Mary Sciberras li jinkwadra s-sena akkademika gewwa Mater Admirabilis Training College fir-Rabat u li huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 13. Oltre minn hekk, certifikat iehor gie mahrug mill-Universita' ta' Oxford fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni f'Malta f'isem ir-rikorrenti Mary Sciberras ghall-ezamijiet li saru fis-sajf tas-sena 1960 u huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 14. F'Gunju tal-1960 inhareg certifikat ghat-tlestija ta' kors ta' sentejn kif ukoll sodisfazzjon tal-ezaminaturi mill-Malta Training Colleges in kongunzjoni mal-Istitut tal-Edukazzjoni fl-Universita' ta' Londra, liema certifikat huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 15;

Illi f'Lulju tas-sena 1960, hareg certifikat bir-rizultati finali tal-ezamijiet tal-kandidati, fosthom ir-rikorrenti Mary Sciberras mill-Mater Admirabilis Training College, liema certifikat huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 16. Fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena 1960, is-Segretarju

Ammimistrattiv baghat ittra lir-rikorrenti, Mary Sciberras fejn informaha bil-miktub illi l-Gvernatur appuntahha ghalliema fl-iskejjel Primarji. Din l-ittra tinsab annessa u mmarkata bhala Dok. MS 17;

Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena 1963, *Civil Defence Malta* ccertifikat illi Mary Sciberras attendiet kors fl-Iskola tac-*Civil Defence*, liema certifikat huwa mmarkat u anness bhala Dok. MS 18. Fid-data tat-tnax (12) ta' Gunju tas-sena 1969, id-Direttur ghad-Dipartiment tal-Edukazzjoni ccertifika illi r-rikorrenti Sciberras attendiet kors rigward it-taghlim tal-Arti u l-Krafts. Dan ic-certifikat ta' attendenza huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 19;

Illi fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena 1970, ir-rikorrenti Mary Sciberras giet irrakkomandata mid-Direttur tal-Edukazzjoni sabiex tigi appuntata sabiex tghallem l-Arti. Din l-ittra hija annessa u mmarkata bhala Dok. MS 20;

Illi f'Gunju tas-sena 1970, ir-rikorrenti Mary Sciberras giet infurmata permezz ta' ittra mid-Direttur tal-Edukazzjoni illi l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku rrikomandat l-applikazzjoni taghha ghall-ghalliema tal-Arti fi Skejjel Sekondarji abbazi tal-approvazzjoni tal-Onorevoli Prim Ministru ta' dak iz-zmien. Din l-ittra tinsab annessa u mmarkata bhala Dok. MS 21;

Illi fid-data tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena 1975, Mary Sciberras giet infurmata mid-Direttur tal-Edukazzjoni illi in linea mal-qbil li kien intlahaq bejn il-

Gvern u l-Unjoni tal-Ghalliema f' Malta, hija giet assimilata bhala ghalliema fit-tieni grad. Id-dokument huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 22.;

Illi skont ic-certifikat mahrug mill-Home Economics & Needlecraft Teachers Association Malta, ir-rikorrenti Mary Sciberras attendiet kors f'certu aspetti tal-Applied Design mit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena 1976 sas-sitta (6) ta' April tas-sena 1976 li huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 23;

Illi bejn ix-xahar ta' Frar u Gunju tas-sena 1976, ir-rikorrenti Mary Sciberras inghatat certifikat t'attendenza mill-Art & Fashion Centre f'kors intensiv ta' hjata, taht il-firma tad-Diretturi. Dan ic-certifikat huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 24;

Illi Mary Sciberras inghatat certifikat t'attendenza mill-Art & Fashion Centre gewwa l-Europa Centre li kien jinsab gewwa l-Furjana, *stante* illi hija ghamlet kors intermedjarju fil-hjata bejn Ottubru u Frar tal-1977, li huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 25;

Illi fil-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena 1988, ir-rikorrenti nghatat il-*warrant* ta' ghalliem mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni li jgib in-numru 1557. Kopja tal-imsemmi *warrant* tinsab annessa u mmarkata bhala Dok. MS 26. Fl-istess data, ir-rikorrenti rceviet ittra mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn giet mgharrfa illi s-servizzi taghha huma

rikjesti fil-Junior Lyceum tal-Bniet. Dan id-dokument huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 27;

Illi fid-data tad-disgha (9) ta' Novembru tas-sena 1990, Mary Sciberras inghatat *transfer* min-naha tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex taqdi dmirijiet ta' Assistent Kap tal-Iskola Primarja tal-Imsida. Dan id-dokument huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 28;

Illi in linea mal-premessa precedenti, fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena 1991, ir-rikorrenti Mary Sciberras giet mgharrfa illi nhatret Assistent Kap ta' Skola bi prova ghal sena b'sehh mit-tnax (12) ta' Gunju tas-sena 1991. Din il-hatra saret mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Intern ta' dak iz-zmien u d-dokument relattiv huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 29;

Illi in linea mal-premessa precedenti, ir-rikorrenti, Mary Sciberras giet informata mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni illi bhala parti mir-riforma tas-Servizzi Pubblici u wara l-approvazzjoni mill-Gvern tal-assimiljazzjoni tal-Education Class, hija giet definittivament assimilata bhala ghalliem b'effett mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena 1991. Dan id-dokument jinsab anness u mmarkat bhala Dok. MS 30;

Illi fil-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena 1999, inhargu 'Claims for the payment for Supervision Duties' min-naha tad-Divizjoni tal-Edukazzjoni lil Mary Sciberras, il-*qua* rikorrenti, fil-grad taghha bhala Assistent Kap tal-Iskola

Primarja tan-Naxxar. Dan id-dokument huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 31;

Illi fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena 1999, inhargu 'Claims for the payment for Supervision Duties' min-naha tad-Divizjoni tal-Edukazzjoni lir-rikorrenti fil-grad taghha bhala Assistent Kap tal-Iskola Primarja tan-Naxxar. Dan id-dokument huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 32;

Illi Mary Sciberras inghatat certifikat ta' attendenza nhar il-hdax (11) ta' Marzu tas-sena 2010 wara li hija ghamlet kors fit-Tekonologija tal-Informatika bis-sahha tal-Kunsill Lokali tal-Mosta u 'tctc'. Dan ic-certifikat huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 33;

Illi ma' dan ir-rikors promotur qieghed jigi anness dokument li juri tigdid u l-bilanc tal-kont ghas-servizz tal-licenzja tat-televizjoni mill-Ministeru ghall-Infrastruttura, trasport u komunikazzjoni f'isem ir-rikorrenti, Mary Sciberras. Dan id-dokument huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 34;

Illi qieghed jigi anness kont ghas-servizzi telefonici u tal-*mobile* mill-kumpannija Melita Limited datat l-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena 2016 f'isem ir-rikorrenti Mary Sciberras, liema dokument huwa mmarkat bhala Dok. MS 35;

Illi qeghdin jigu pprezentati zewg kontijiet tad-dawl u l-ilma mill-kumpannija 'Automated Revenue Management Services Limited' li jkopru s-snin 2014,2015 u 2017 f'isem

Mary Sciberras, liema dokumenti huma mmarkati bhala Dok. MS 36 u Dok. MS 37;

Illi qieghed jigi pprezentat dokument minn Transport Malta li juri t-tigdid tal-licenzja tas-sewqan tar-rikorrenti Mary Sciberras *stante* illi hija ghandha 'l fuq minn sebghin sena. Dan id-dokument huwa mmarkat bhala Dok. MS 38;

Illi in linea mal-premessa precedenti, qieghda tigi annessa kopja tal-licenzja personali tas-sewqan ta' Mary Sciberras li qieghda tigi mmarkata bhala Dok. MS 39;

Illi kopja tal-karta tas-Sigurta` Socjali tar-rikorrenti bin-numru 102117A qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. MS 40;

Illi kopja tat-*Teacher's card* li tappartjeni lil Mary Sciberras, detentrici tal-Karta tal-Identita' numru 0153141M u tal-*warrant* bin-numru 1557 qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. MS 41;

Illi kopja tal-kartAnzjan tar-rikorrenti, li ggib in-numru 39002745 qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. MS 42;

Illi kopja tal-i*statement of account* fi hdan il-bank APS li giet mahruga fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena 2017 lir-rikorrenti, Mary Sciberras hija annessa u mmarkata bhala Dok. MS43;

Illi kopja tal-i*statement of account* fi hdan il-bank APS li giet mahruga fil-wiehed u tletin (31) ta' Gunju tas-sena 2017 lir-rikorrenti, Mary Sciberras hija annessa u mmarkata bhala Dok. MS44;

Illi kopja tal-fondi ta' Mary Sciberras sad-data tal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena 2015 li huma mizmuma fi hdan l-APS Funds SICAV p.l.c. hija annessa u mmarka bhala Dok. MS45;

Illi kopja tar-rendikont bankarju fi hdan il-bank Bank of Valletta ta' Mary Sciberras ghall-perjodu bejn il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Dicembru tas-sena 2013 u l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru tas-sena 2014 hija annessa u mmarkata bhala Dok. MS 46;

Illi kopja tac-certifikat ta' depozitu fiss f'isem ir-rikorrenti Mary Sciberras datat 27 ta' Ottubru tas-sena 2016 li huwa mahrug mill-Bank of Valletta hija annessa u mmarkata bhala Dok. MS 47;

Illi kopja tal-i*statement of account* tal-kont bankarju tar-rikorrenti fi hdan il-bank HSBC datat 24 ta' Jannar tas-sena 2015 hija annessa u mmarkata bhala Dok. MS 48;

Illi kopja tal-i*statement of account* tal-kont bankarju tar-rikorrenti fi hdan il-bank HSBC datat 25 ta' Awwissu tas-sena 2017 hija annessa u mmarkata bhala Dok. MS 49;

Illi kopja tar-*registration advice* tat-transazzjonijiet ta' Mary Sciberras fi hdan Malta Stock Exchange plc hija annessa u mmarkata bhala Dok. MS 50;

Illi kopja tad-denunzja u l-hlas tat-taxxa ta' successjoni ta' omm ir-rikorrenti, Ester Sciberras li giet irregistrata fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena 1945 bin-numru 633 hija annessa u mmarkata bhala Dok. MS 51;

Illi kopja tad-denunzja u l-hlas tat-taxxa ta' successjoni ta' missier ir-rikorrenti, Vincent Sciberras li giet irregistrata fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena 1958 bin-numru 702 hija annessa u mmarkata bhala Dok. MS 52;

Illi wara l-mewt ta' Vincenzo *sive* Vincent Sciberras, il-komparent Francesco Sciberras, illi huwa hu r-rikorrenti, Mary Sciberras, talab lil Qorti sabiex jigi mahtur tutur tal-minuri hutu, Mary Sciberras u Joseph Sciberras fejn accetta ghan-nom tal-imsemmija hutu minuri l-gid provenjenti lilhom mis-successjonijiet tal-genituri taghhom u cioe' Vincenzo u Ester Sciberras. Id-deskrizzjoni tal-gid ta' Joseph u Mary Sciberras sar minn Frank Sciberras fl-Att Pubbliku tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena 1958 quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Joseph Spiteri li huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 53;

Illi l-Att Pubbliku ta' bejgh datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena 1966 fejn fuq dana l-Att, Francesco Sciberras deher bhala mandatarju generali tar-rikorrenti,

Mary Sciberras quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Francis Micallef, huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 54;

Illi t-testment ta' Paolina Sciberras datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena 1980 maghmul quddiem in-Nutar Pubbliku Dr Antoine Agius, permezz ta' liema t-testatrici nnominat u stitwixxiet bhala l-unika eredi universali propjetarja taghha lil ohtha u cioe' lir-rikorrenti Mary Sciberras jinsab anness u mmarkat bhala Dok. MS 55;

Illi t-testment ta' Mary Sciberras datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena 1980 maghmul quddiem in-Nutar Pubbliku Dr Antoine Agius, permezz ta' liema t-testatrici nnominat u stitwixxiet bhala l-unika eredi universali propjetarja taghha lil ohtha u cioe' lil Paolina Sciberras jinsab anness u mmarkat bhala Dok. MS 56;

Illi l-Kuntratt ta' Fidi tac-cens fuq propjetajiet f'San Pawl il-Bahar li sar minn Joseph Sciberras, f'ismu propju u ghan-nom ta' hutu, ir-rikorrenti Mary Sciberras, Frank Sciberras, John Sciberras u Pauline Sciberras fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu tas-sena 1984 quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Antonio Agius huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 57;

Illi l-Att ta' Divizjoni tal-hdax (11) ta' Mejju tas-sena 1985 maghmul quddiem in-Nutar Pubbliku Dr Antoine Agius mill-komparenti ahwa Sciberras, inkluz ir-rikorrenti Mary Sciberras huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 58;

Illi l-Kuntratt ta' Fidi tac-cens perpetwu impost fuq ghaxar sieghan art maghmul minn Joseph Sciberras *proprio et nomine* quddiem in-Nutar Dr. Francis Micallef fis-sitta (6) ta' April tas-sena 1989 huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 59;

Illi l-Att Korrettorju tat-tlettax (13) ta' Frar tas-sena 2003 fejn gie kkoregut l-Att ta' Divizjoni tal-hdax (11) ta' Mejju tas-sena 1985, gie maghmul minn l-ahwa Sciberras u cioe', Francis, ir-rikorrenti Mary u Joseph Sciberras quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Francis Micallef u huwa anness u mmarkat bhala Dok. MS 60;

Illi l-Att Pubbliku li jinkwadra d-dikjarazzjoni ta' Trasferiment *Causa Mortis* maghmul mir-rikorrenti Mary Sciberras, wara l-mewt ta' ohtha Paolina Sciberras fis-sebgha (7) ta' Awwissu tas-sena 2014 quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Sharon Faith Farrugia jinsab anness u mmarkat bhala Dok. MS 61;

Illi l-promessa ta' bejgh ta' porzjon raba' fejn ir-rikorrenti Mary Sciberras hija wahda mill-vendituri datata l-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena 2014 hija annessa u mmarkata bhala Dok. MS 62;

Illi l-vera kopja tal-Att Pubbliku ta' Bejgh maghmul nhar it-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena 2015 mill-vendituri fosthom ir-rikorrenti Mary Sciberras u hutha tal-porzjon raba' gewwa Ghajn Tuffieha quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. John Debono hija annessa u mmarkata bhala Dok. MS 63;

Illi l-vera kopja tal-Att ta' Donazzjoni datata t-tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena 2006 maghmul mid-donatrici u *qua* rikorrenti Mary Sciberras ta' porzjon ta' art fabrikabbli f'College Street fil-Mosta quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Sandra Bugeja hija annessa u mmarkata Dok. MS 64;

Illi l-vera kopja tal-Att ta' Donazzjoni datat disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena 2016 maghmul mid-donatrici u *qua* rikorrenti, Mary Sciberras tas-sehem shih tal-maisonette bin-numru ufficcjali tnejn u sebghin (72) flimkien mal-arja tieghu li jinsab fi Triq San Pawl f'San Pawl il-Bahar, quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Samuel Bezzina, tinsab annessa u mmarkata Dok. MS 65;

Illi vera kopja tal-Att ta' Donazzjoni datat dsatax (19) ta' Settembru tas-sena 2017 maghmul mid-donatrici u *qua* rikorrenti tas-sehem shih tal-garaxx immarkat ufficcjalment bin-numru mija u disgha u erbghin (149) gia tlieta u hamsin (53) u qabel wiehed u sittin (61) fi Triq Ponsonby fil-Mosta, quddiem in-Nutar Pubbliku Dr Samuel Bezzina, tinsab annessa u mmarkata bhala Dok. MS 66;

Illi l-inkonsistenza fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Mary Sciberras qieghda tikkawza konfuzjoni meta wiehed jara u jixtarr id-dokumenti kollha li jinsabu annessi ma' dan ir-rikors promotur li kollha jirreferu ghar-rikorrenti bil-kunjom Sciberras u dan matul perkors ta' hajja ta' sebgha u sebghin sena;

Illi gie maghruf illi hemm zball fl-Att tat-Twelid ta' Mary Sciberras wara li hija applikat ghat-tigdid tal-Passaport taghha u dan ma kienx se jinhareg bil-kunjom taghha Sciberras, izda l-kunjom li kien ser jitnizzel fuq il-Passaport imgedded huwa Xiberras, *stante* l-izball manifest fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, li sal-lum -il gurnata ma kien affetwaha xejn u fl-ebda dokumentazzjoni li tappartjeni lilha;

Illi llum il-gurnata, ir-rikorrenti Mary Sciberras tinsab f'pozizzjoni pregudikanti minhabba illi l-Att tat-Twelid taghha jinkludi zball fejn gie mnizzel kunjom hazin, kemm dak ta' missierha u kemm t'ommha, meta huwa ampjament car illi dan kien zball ghaliex sar fl-Att tat-Twelid taghha biss a kuntrajru ta' dak li jidher mill-Atti tat-Twelid ta' hutha, minn l-Att tat-Twelid ta' missierha stess u sahansitra mill-Att taz-Zwieg bejn omm u missier ir-rikorrenti;

Illi f'kazijiet fejn il-Qorti ndagat u evidentament irrizulta zball f' xi registrazzjoni f'Att ta' Twelid ta' persuna, it-talba gudizzjarja sabiex issir il-korrezzjoni necessarja giet milqugha u din l-istess korrezzjoni giet ordnata li ssir mid-Direttur ta' Registru Pubbliku fi zmien li l-Wisq Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u ghalhekk joghgobha tipprefiggi.

Ghaldaqsant, Mary Sciberras titlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna li *a tenur* tal-Artikolu 254(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tal-inqas hmistax (15)-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern

skont il-Formula B fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta illi permezz tieghu kull min ikollu interess, jigi msejjah sabiex jiddikjara, fi zmien hmistax-il gurnata mill-pubblikazzjoni ta' dak l-avviz, bil-mezz ta’ nota, jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba tar-rikorrenti;

2. Tiddikjara illi r-rikorrenti ilha ghal zmien twil u b'konsistenza tuza' kif ukoll tigi maghrufa bhala Mary Sciberras u mhux 'Xiberras';

3. Tiddikjara illi jirrizulta kjarament illi fl-Att tat-Twelid ta' Mary Sciberras jezisti zball in kwantu r-registrazzjoni ta' kunjomha, hekk kif kunjom missierha Vincent u kunjom ommha Esther tnizzel bhala Xiberras flok il-kunjom korrett Sciberras;

4. Tordna, in linea mal-Artikolu 253 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li ssir il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru 1531/1941, fejn kunjom missier ir-rikorrenti, Vincent li gie mnizzel 'Xiberras' jigi korrett ghal Sciberras u l-istess jghodd ghal kunjom omm ir-rikorrenti, Esther Sciberras, fejn il-kunjom imnizzel 'Xiberras' jigi korrett ghal Sciberras, biex b'hekk kunjom ir-rikorrenti jkun Sciberras;

5. Tordna, *ai termini* tal-Artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' din il-Onorabbli Qorti sabiex issir l-annotazzjoni ordnata minn din l-

Onorabbli Qorti fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data ta' meta s-sentenza tghaddi *in gudikat.*

Rigward l-ispejjez ta' din il-procedura, jekk l-intimat Direttur isib oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti, l-ispejjez kollha assocjati ma' din il-kawza ghandhom ikunu ssopportati minn l-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku. Minghajr oggezzjoni min-naha tal-intimat, l-ispejjez tat-tali procedura ghandhom jigu sopportjati mir-rikorrenti b'eccezzjoni ta' dawk l-ispejjez konnessi mar-risposta mahlufa tal-intimat fil-kaz illi dan tal-ahhar jipprezenta tali risposta.

*Salv kull dokument jew xhieda ohra illi huma opportuni f'dan il-kaz.*

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 14 ta' Awwissu 2018 (fol 165) fejn l-Avukat Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma s-segwenti :

1. Illi bla hsara ghal premess, l-esponenti huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li r-rikorrenti jitolbu *ai termini* tal-Artikolu 175 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-segwenti korrezzjoni, u cioe' korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens illi l-attrici ghandha tidher bhala 'Xiberras' u

mhux bhala 'Sciberras', u dan *stante* li l-ewwel kunjom huwa dak li jappartjeni lilha fuq l-Att tat-Twelid.

2. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat.

3. Illi *stante* t-talba kif dedotta, tajjeb li jkun sottolinejat illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f’ ismijiet u mhux f’kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana.

4. Illi ghat-talba kif dedotta, l-esponet ma jsib l-ebda oggezzjoni li din tigi akkolta minn din l-Onorabbli Qorti, salv fir-rigward tal-ispejjez. L-azzjoni tal-attrici m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u dan tenut kont tal-fatt illi fil-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, kien proprju missier l-attrici Vincent Sciberras li ddikjara l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tal-attrici u ghal dawn il-fini s-Sur Vincent Sciberras kien iffirma l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant, galadarba s-Sur Sciberras, id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid, accetta l-informazzjoni inserita minnu fl-Att u kkonferma illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma tieghu, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku. *Stante* dan, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 9 ta’ Ottubru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. L-attrici u d-difensur taghha msejha tliet darbiet ma dehrux. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehret Dr Nicolette Schembri li ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi. Dr Schembri rremittiet ruhha fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata. Il-Qorti ordnat li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza sabiex tirrifletti dak sollevat fl-eccezzjoni. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza ma deher hadd. Billi fir-risposta jirrizulta li l-intimat mhux qed jopponi ghat-talbiet, il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghad-29 ta' Novembru 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-30 ta' Lulju 2018 (fol 164). Ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba.

Referibbilment ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimat, din tinsab sorvolata bil-korrezzjoni awtorizzata tat-talba attrici skont digriet tad-9 ta' Ottubru 2018, u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjoni imsemija.

Illi r-rikorrenti qed titlob li kunjomha kif registrat fuq l-att tat-twelid, fejn hemm imnizzel kunjom missier ir-rikorrenti Vincent, li gie indikat bhala "Xiberras", jigi sostitwit bil-kunjom "Sciberras".

Ikkonsidrat li d-Direttur intimat ma oggezzjonax li tigi akkolta t-talba kif dedotta.

Ir-rikorrenti esebiet l-att tat-twelid ta' missierha bhala Dok MS3, l-att taz-zwieg ta' missierha u ommha, Dok MS4, u l-att tal-mewt ta' missierha Dok MS5, fejn fl-atti kollha missierha huwa indikat bil-kunjom "Sciberras" u mhux "Xiberras". In sostenn ghat-talba taghha, r-rikorrenti esebiet ukoll l-att tat-twelid ta' hutha bhala Dok MS6, MS7, MS8 u MS9, fejn il-kunjom registrat ta' dawn l-erba' ahwa huwa "Sciberras." Ir-rikorrenti esebiet ukoll Dok MS2 ic-certifikat tal-Fidi tal-Maghmudija, fl-4 ta' Marzu 1976, debitament iffirmata mill-Kappillan, fejn kunjom missier ir-rikorrenti huwa indikat bhala "Sciberras" u mhux "Xiberras".

Ikkonsidrat li l-Ligi taghna tirrikonoxxi bhala prova tal-kontenut taghhom sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju *inter alia* “l-atti u r-registri tal-parrocci dwar twelid, zwieg, u mewt, u d-dispozizzjonijiet maghmula skont il-ligi quddiem Kappillan" (**art. 629(b) tal-Kap 12**). Jinghad ukoll li s-sistema legali taghna tpoggi fiducja fic-certifikat tal-maghmudija tant li skont l-artikolu 273 (1) tal-Kap 16 : “L-avviz tat-twelid jista’ jinghata billi wiehed jibghat lill-ufficjal hawn fuq imsemmi fidi tal-maghmudija, iffirmata mill-Kappillan jew sacerdot iehor, li jkun ghammed it-tarbija.”

Fil-kaz odjern, dak dikjarat fic-certifikat tal-maghmudija huwa konformi mal-atti ta' missier ir-rikorrenti u ta' hutha li gew esebiti.

In segwitu, ir-rikorrenti esebiet ukoll sensiela shiha ta’ dokumenti, minn Dok MS11 sa MS66, konsistenti f’certifikati, u dokumenti ufficjali ohra b’referenza ghax-xoghol taghha, dokumenti bankarji, dokumenti relatati mat-taxxa tas-successjoni, dokumenti relatati ma’ fidi ta’ proprjeta`, u atti ta’ donazzjoni, fejn hija dejjem indikata bil-kunjom “Sciberras”.

Inoltre`, r-rikorrenti xehdet ukoll permezz ta’ affidavit u qalet li minn meta kienet zghira tiftakar li kunjom familtha kien “Sciberras”. Spjegat li misserha u hutha kollha kienu indikati bil-kunjom “Sciberras”. Semmiet li matul is-snin kollha li damet tahdem bhala ghalliema u bhala ‘assistant head’ dejjem kienet maghrufa bil-kunjom “Sciberras” kif

jidher mid-dokumenti esebiti mar-rikors promotur. Qalet li dan l-izball kif jinkiteb il-kunjom sar biss maghruf lilha wara seba' u sebghin sena meta giet biex taghmel passaport gdid.

Ix-xhiedha tar-rikorrenti giet korroborata dettaljatament bl-affidavits u dokumenti esebiti minn xhiedha ohra f'din il-kawza.

Ikkonsidrat li , wara li rat l-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti fejn kunjomu huwa indikat bhala "Sciberras", ic-certifikat tal-maghmudija, l-affidavits, u d-dokumenti kollha esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li kien hemm zball fir-registrazzjoni ta' kunjom missierha fuq l-att tat-twelid taghha.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma jirrizultax li dan l-izball huwa attribwibbli ghall-intimat, *stante* li kif eccepit mill-intimat fir-raba' eccezzjoni, il-firma tad-dikjarant fuq ir-registrazzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrenti kienet proprju ta' missierha Vincent Sciberras. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza.

Referibbilment ghat-tielet eccezzjoni, it-talba odjerna tirrigwarda korrezzjoni ta' zball li huwa kopert bl-artikolu 253(1) tal-Kap 16 u kwindi din l-eccezzjoni ma treggix. Huwa minnu li bit-tieni talba taghha, ir-rikorrenti qed titlob li jigi dikjarat li ilha zmien twil tuza l-kunjom "Sciberras", u hekk jirrizulta ampjament ippruvat. Izda t-talba taghha ser tigi akkolta abbazi tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet

ta' Malta in kwantu li din il-Qorti sabet zball fir-registrazzjoni b'riferenza, b'mod partikolari, ghac-certifikat tat-twelid ta' missierha. Din il-konkluzjoni hija sorretta bl-atti l-ohra mahruga mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fir-rigward tal-parentela stretta tar-rikorrenti li jikkoroboraw it-tezi taghha.

Ghalhekk, fil-kaz, in ezami, dak mitlub ma jmurx kontra l-ordinament guridiku taghna li,fiz-zmien tat-twelid tar-rikorrenti , kienet tiddetta t-trasmissjoni tal-kunjom tal-missier ghal wild tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ser tghaddi biex takkolji t-talbiet tar-rikorrenti billi dawn huma guridikaent u fattwalment gustifikati.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba billi l-pubblikazzjoni saret skont il-Ligi.

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara li hija ilha zmien twil maghrufa bhala Mary Sciberras u mhux 'Xiberras'.

3. Tilqa’ t-tielet talba tar-rikorrent u tiddikjara li fl-att tat-twelid tar-rikorrenti sar zball fir-registrazzjoni ta' kunjomha, hekk kif kunjom missierha Vincent u kunjom ommha Esther tnizzel bhala "Xiberras" flok il-kunjom korrett "Sciberras".

4. Tilqa’ r-raba' talba tar-rikorrenti u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti numru 1531/1941, fejn kunjom missier ir-rikorrenti Vincent li gie mnizzel “Xiberras” jigi sostitwit bil-kunjom “Sciberras", u l-istess fir-rigward ta’ kunjom omm ir-rikorrenti Esther, li gie indikat bhala “Xiberras” u ghandu jigi sostitwit bil-kunjom “Sciberras.”

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b’kopja tas-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Mata**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta’ Novembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta’ Novembru 2018**